Kitba ta'
**Dr. Horatio Caesar Roger**
*Senior Lecturer fil-Latin u l-Grieg, Università ta' Malta*

# L-Iskrizzjonijiet li jinsabu fis-sagristija tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla (2)

F'din l-edizzjoni se naraw erba' skrizzjonijiet oħra li jinsabu mal-ħajt tas-sagristija: L-ewwel waħda (7), dik iddedikata lill-Papa Piju VII, tinsab hekk kif tidħol fis-sagristija, xellug, mal-ħajt tal-knisja; it-tieni (8) lill-Arċisqof Ferdinandu Mattei, li tinsab fuq l-istess ħajt, imma fuq il-lemin fit-tarf wara li tidħol mill-bieb; it-tielet (9) lill-Papa Piju IX, li tinsab faċċata tal-bieb, u r-raba' (10) lill-Arċisqof Pace Forno, li tinsab kważi fuq il-bieb tas-sagristija.

B'hekk għandna żewġ skrizzjonijiet iddedikati lil żewġ Papiet, u żewġ skrizzjonijiet iddedikati lil żewġ isqfijiet. Dawn kollha kellhom konnessjoni ma' Cospicua: it-twaqqif tal-Kulleġġ tal-Kanoniċi fl-1823 (Piju VII u Ferdinandu Mattei), iż-żieda tad-Drittjijiet Kurjali fl-1850 u wara l-1857 (Piju IX u Gejtanu Pace Forno). B'hekk nistgħu ngħidu li dawn l-erba' skrizzjonijiet huma żewġ pari, u kollha jittrattaw fuq il-Kanonikat ta' Cospicua.


*Papa Piju VII*

Jidher li l-Latin użat kien minn studjużi tal-Klassiċi, li kienu jafu sew lill-awturi, tant li espressjonijiet użati minnhom insibuhom f'dawk l-awturi. Dawn l-iskrizzjonijiet jitfgħu dawl mhux biss fuq l-istorja ta' din il-belt, imma ukoll fuq ir-relazzjoni tagħha ma' Ruma fi żminijiet li raw ħruġ minn taqlib kbir fl-Ewropa u dikjarazzjonijiet importantissimi, bħal dik tad-dogma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u tad-dokumenti tal-Konċilju Vatikan I.

7.

PIO VII[i], PONT[IFICI] MAX[IMO]
QVI,
DATIS APOSTOLICIS LITTERIS
[ANTE DIEM] III NON [AS] IVL [IAS], [ANNO] MDCCCXXII,
IN CVRIALI TEMPLO CONSPICVANO
CANONICORVM COLLEGIVM[ii] INSTITVIT
ESIQVE AMPLISSIMIS PRIVILEGIIS HONESTATIS
ECCLESIAE PROVENTVS, ONERIBVS SOLVTIS[iii], ATTRIBVIT
IN QVIBVS ADMINISTRANDIS EOS SVI IVRIS[iv] ESSE INDVLSIT,
NE TANTI VIRI MEMORIA ANNIS LABENTIBVS[v] PEREAT,
IMAGINEM ET TITVLVM
CANONICI
GRATO ANIMO[vi] P[OSVERVNT].

Biex it-tifkira ta' dan ir-raġel tant kbir ma tinqeridx
bil-medda taż-żmien,
il-Kanoniċi
għamlu b'ħajr
din ix-xbiha u din l-iskrizzjoni
lil Piju VII, Papa,
li,
wara li ħareġ ittra appostolika
fil-5 ta' Lulju, fis-sena 1822,
waqqaf fit-tempju parrokkjali ta' Cospicua
il-Kulleġġ tal-Kanoniċi
u tahom id-dhul tal-knisja,
wara li jiġu mħallsa l-piżijiet,
bi privileġġi mill-aktar abbundanti ta' ġieħ,
waqt li kkonċeda li
fl-amministrazzjoni ta' dawk l-affarijiet
ikunu awtonomi.

8.

FERDINANDO MATTEI[vii] MELITENSEM DIOECESIM REGENTE,
CANONICORVM ORDO HOC IN TEMPLO FVIT[vii] CONSTITVTVS,
QVI NOVVM MVNVS INIVERVNT[ix] A[NNO] MDCCCXXIII
[ANTE DIEM] VII ID[VS] DEC[EMBRES].
NE TEMPORE LABENTE[x]
TANTAE REI MEMORIA EVANESCERET[xi],
MAIORES NOSTRI MONVM[ENTVM] HOC DEDICARVNT.

Meta Ferdinandu Mattei kien qed imexxi d-djoċesi Maltija,
l-Ordni tal-Kanoniċi ġie kostitwit f'dan il-maqdes,
li daħlu għal (dan) ix-xogħol ġdid fis-sena 1823,



*Is-sagristija fejn hemm l-iskrizzjonijiet taħt l-inkwadri.*

fis-7 ta' Diċembru.
Sabiex, hekk kif iż-żmien igerbeb,
it-tifkira ta' din l-okkażjoni tant kbira ma
tisparixxix,
l-antenati tagħna ddedikaw din it-tifkira.

9.

PIO IX[xii] PONT[IFICI] MAX[IMO]
QVI AB ORIGINE VIRG[INIS] LABIS NESCIA
DOGMATE STATVTA NOMEN SIBI INDIDIT[xiii],
CANONICI H[VIVS] AEDIS GRATO ANIMO[xiv] P[OSVERVNT],
QVOS CVRIALIBVS IVRIBVS AVXIT
PRID[IE] KAL[ENDAS] OCTOBRES[1], [ANNO] MDCCL.

Lil Piju IX, Papa,
li għamel lilu nnifsu magħruf bid-dogma mwaqqfa
tal-Verġni mnissla mingħajr tebgħa,
il-Kanoniċi ta' dan il-maqdes,
li kien għolliehom għad-drittijiet kurjali
fit-30 ta' Settembru, fis-sena 1850,
tellgħu (din it-tifkira) bi gratitudini.

10.

CAIETANO PACE FORNO[xv],
ARCHIEP[ISCOPO], EPISCOPO MELITENSI,
QVO ADPRECANTE,
PIVS IX, PONT[IFEX] MAX[IMVS],
CANONICIS H[VIVS] AEDIS
PECTORE CRVCEM FERRE
DE SERICO FVNICVLO PENDENTEM AVRO CONTEXTO
INDVLSIT,
PRAESVLI VIRTVTE ET DOCTRINA
CONSPICVO[xvi]
GRATI ANIMI[xvii]
[HOC] MONVM[ENTVM]
POSVIMVS.



*Gaetano Pace Forno*

Waqqafna b'ħajr
din it-tifkira
lil
Gejtanu Pace Forno,
Arċisqof u Isqof ta' Malta,
mexxej distint b'kuraġġ u tagħlim,
li bl-intermedjazzjoni tiegħu
l-Papa Piju IX
ikkonċeda
lill-kanonċi ta' dan il-maqdes
li jġorru fuq sidirhom salib
imdendel b'ħajta ta' l-għażel minsuġa bid-deheb.

[i] PIO VII: Il-Papa Piju VII kien suċċessur ta' Pietru mill-1800 sa l-1823. Kien żmien meta l-Papa għal tmenin sena sofra ħafna mill-aggressjoni tal-liberaliżmu, tant li diversi papiet kellhom jitilqu Ruma, fosthom il-Papa Piju VII fl-1808. Fl-1815, il-Papa rritorna Ruma sabiex jerġa' jibni l-knisja wara t-tħarbit kbir li sofriet bir-Rivoluzzjoni Franċiża.

[ii] CURIALI... CONSPICVANO CANONICORVM COLLEGIVM: Innota l-alliterazzjoni tal-konsonanti c.

[iii] ONERIBVS SOLVTIS: SENECA, *Oedipus* 687-8: *solutus onere rego regni bonis / fruor...*

[iv] SVI IVRIS: COLUMELLA, *Res rustica* 12.7.2: *deinde si tantum remiserint humoris, ut suo sibi iure ablui possint.*

[v] ANNIS LABENTIBVS: HORATIUS, *Carmina* 2.14.1-2: *eheu fugaces, Postume, Postume, / labuntur anni...*

[vi] GRATO ANIMO: CICERO, *Oratio Philippica* 4.1.3: *Laudo, laudo vos, Quirites, cum gratissimis animis prosequimini nomen clarissimi adolescentis vel pueri potius.*

[vii] FERDINANDO MATTEI: L-Arċisqof Ferdinandu Mattei twieled l-Isla fl-24 ta' Lulju, 1761, u miet fl-14 ta' Lulju, 1829. Hu sar isqof fit-18 ta' Settembru, 1807, l-ewwel Malti bin ġenituri Maltin li nħatar isqof ta' Malta J. Bezzina, L-istorja tal-Knisja f'Malta. Kullana Kulturali N. 42, Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2002, 184, 210. Kien l-aħħar isqof ippreżentat lill-Papa mir-Re ta' Sqallija (A. Bonnici, History of the Church in Malta. Vol. II, Malta, Empire Press, 1968, 6.

[viii] FVIT: Flok *est* tal-Latin Klassiku.

[ix] MVNVS INIVERVNT: VERGILIUS, *Aeneis* 5.846: *ipse ego paulisper pro te tua munera inibò.*

[x] TEMPORE LABENTE: OVIDIUS, *Tristia ex Ponto* 3.11-12: *...non qui labentia tarde / tempora narrando fallat,...*.

[xi] MEMORIA EVANESCERET: CICERO, *De oratore* 2.23.95: *omnis eorum memoria sensim obscurata est et evanuit.*

[xii] PIO IX: Il-Beatu Piju IX kien Papa mill-1846 sa l-1878. Piju IX wiret żmien ikraħ li fih il-Knisja tilfet ħafna minħabba l-attakki li saru fuq il-Papat. Huwa jibqa' magħruf għaż-żmien twil li dam Papa 32 sena, għad-dogma ta' l-Immakulata Konċezzjoni fit-8 ta' Diċembru, 1854, u l-ewwel Konċilju Vatikan fit-8 ta' Diċembru, 1869. Fl-1864, huwa waqqaf id-djoċesi ta' Għawdex u ħatar l-ewwel isqof Għawdxi, Mikiel Franġisku Buttigieg.

[xiii] NOMEN SIBI INDIDIT: SALLUSTIUS, *Historiae*, 1.41.24: *quae nomina sceleris indidit.*

[xiv] GRATO ANIMO: Ara nota vi fuq.

[xv] CAIETANO PACE FORNO: L-Arċisqof Gejtanu Pace Forno twieled f'Victoria, Għawdex, kien elett isqof bid-dritt tas-suċċessjoni fil-25 ta' Settembru, 1857, u laħaq isqof effettiv fl-4 ta' Diċembru. Hu miet f'Castellammare di Stabia, fl-Italja, fit-22 ta' Lulju, 1874. Kien hu li fl-1858 ittrasferixxa lis-seminaristi maġġuri mill-Imdina sal-Furjana fejn il-Ġiżwiti kellhom id-dar ta' l-irtiri msemmija għal San Kalċidonju (J. Bezzina, 185-6, 228-9).

[xvi] PRAESVLI VIRTVTE ET DOCTRINA CONSPICVO: Innota hawn iż-żewġ iperbata, waħda fl-oħra: *virtute... doctrina, praesvli... conspicvo*. Iperbaton ifisser li żewġ kelmiet li jmorru ma' xulxin ikunu mifrudin b'kelma jew iktar f'nofshom.

[xvii] GRATI ANIMI: Ara nota vi fuq.


# Haidon Store

*Vegetables, Fruits, Sweets, Groceries*

**Matty Grima Street, Cospicua**



*Have a musical Christmas*
*this year with P. Xuereb, the shop*
*for all your music and stationery requirements*

percussion, string, woodwind, brass, keyboard instruments and accessories, a wide range of music books, school and office stationery




**P. Xuereb**
**Music & Stationery**

5, Old Church Street, B'Kara Tel: 21 496259, 21 372797, 7978 4496